# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 527/2022**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

***-Omissis-***
***-Omissis-***
**George Shibin (268448A)**

**Illum, 3 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' *Omissis*, *Omissis* u **George Shibin** ta' 24 sena, iben Yohannan u Shiji li twieled ġewwa Pallidad, Kerala, l-Indja nhar is-05 ta' Frar 1998, idikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz

3, Triq Schinas, Pieta u detentur tal-karta ta' l-identita’ 268448A, akkużati talli matul il-lejl ta' bejn it-10 ta’ Settembru 2022 u il-11 ta’ Settembru 2022 ġewwa Pieta' :

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' Shafeek Chakkarapadath Kunjimoideen f'periklu ċar, volontarjament ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq persuntu, hekk kif iċċertifikat Dr. Carina De Battista (Med Reg 3964).

2. Hebbew sabiex jinġurjaw, idejjqu jew jagħmlu ħsara lil Shafeek Chakkarapadath Kunjimoideen jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.

3. Għamlu inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil Shafeek Chakkarapadath Kunjimoideen jew, jekk kienu ipprovokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

4. Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inklużа fil-mori tal-kawża kontra l-imsemmijja imputati a benefiċju tal-vittmi msemmija.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda ta’ Shafeek Chakkarapadath waqt l-udjenza tas-27 ta’ Settembru 2022;

Semghet lill-imputat waqt l-udjenza tal-1 ta’ Novembru 2022 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara illi kkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ htija u sabiex jerga’ jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-

natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli, semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu.

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti s'issa fl-atti proċesswali;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fedina penali nadifa tal-imputat u l-fatt illi l-ammissjoni ġiet reġistrati fi stadju pjuttost bikri tal-proċeduri iżda wara li xehed il-vittma.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt li għalkemm l-imputat kellu involviment fil-ġlieda li fiha weġġa' Shafeek Chakkarapadath Kunjimoideen u għalkemm mix-xhieda tal-istess vittma[1] jirriżulta li huwa tah daqqiet f'ġenbu, fil-kustilji u f'rasu kif ukoll daqqiet bis-sieq f'saqajh, ma jirriżultax illi huwa kien effettivament il-persuna li qasmitlu rasu b'daqqa ta' flixkun jew il-persuna li tatu daqqa ta' ponn f'għajnejh. Fil-fatt, il-vittma kkonferma li "*Shibin ma għamilli l-ebda injuries imma beda jagħtini* [bil-ponn] ». Madanakollu, il-Qorti ma tistax twarrab il-gravita' tal-aggressjoni li wettaq l-imputat, fejn imkien ma ġie allegat li din kienet ir-rizultat ta' xi provokazzjoni da parti tal-vittma. Fil-fatt, il-ġrieħi li ġarrab il-vittma, fosthom ksur tal-« *5th metatarsal* »[2] u

[1] Xhieda tas-27 ta' Settembru 2022.

[2] L-għadma bejn l-għaksa u s-suba' ż-żgħir.

uġigħ fid-dahar[3], kompatibbli mad-daqqiet li l-vittma ddeskriva li qala' mingħand l-imputat, huma *ictu oculi* ġrieħi ta' natura gravi, għalkemm ma hemm xejn fl-atti li juri li l-aggressjoni tal-imputat sarrfet f'xi offiża li kellha wieħed jew iktar mill-effetti msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kap. 9 u lanqas saret referenza, fil-kliem tal-imputazzjonijiet kif imfassla fiċ-Ċitazzjoni, għal xi ċirkostanza aggravanti tal-piena.

Illi mill-verżjoni tal-vittma l-Qorti fehmet illi l-aggressjoni manifestata mill-imputat fost persuni oħrajn, fil-konfront tal-istess vittma, kienet mhux biss okkorrenza frekwenti iżda kienet xprunata minn xejn ħlief il-fatt li l-imputat (u sħabu) kienu xurbana.  Din żgur m'hijiex xi ċirkostanza attenwanti u l-Qorti tikkundanna bla riżerva kull xorta ta' vjolenza iktar u iktar dik li tinbet min-nuqqas ta' kontroll effettiv tal-emozzjonijiet u rejazzjonijiet li jġib miegħu l-konsum żejjed ta' xorb alkoħoliku.

Fil-qies taċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti ma taqbilx li f'dan il-każ huwa wieħed fejn ikun spedjenti li ma twaħħal l-ebda piena lill-imputat, kif sottomess waqt it-trattazzjoni u hija tal-fehma illi għandha tinfliġġi piena li twassal, bla ekwivoċi, il-messaġġ li vjolenza gratuwita bħal dik riskontrata fil-każ in diżamina, mhijiex tollerabbli u ma għandha l-ebda post fis-soċjeta' u konsegwentement, timmerita piena severa.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 214, 216, 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil GEORGE SHIBIN ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u tikkundannah sena priġunerija iżda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

[3] Ċertifikat mediku Dok. EH8, fol. 24.

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.**

**Għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati GEORGE SHIBIN għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Shafeek Chakkarapadath Kunjimoideen, għal perijodu ta' tmintax (18)-il xahar.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tastjeni milli tieħu konjizzoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna li din is-sentenza tigi notifikata minnufih lir-Registratur tal-Qorti.**

**Tordna wkoll li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**